# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 30 ta' Ġunju 2023**

**Rikors Ġuramentat numru: 95/2018 BS**

**Salvu Mintoff & Sons Limited u Mario Gatt personalment**

**-vs-**

**Victor Hili K.I. u Joseph Grima f'ismhom proprju u f'isem is-socjetajiet kummercjali Little Rock Quarry Ltd (C, Road Construction Co. Ltd (C u Rotciv Co. Ltd (C u L-Avukat Carmelo Galea f'ismu proprju in solidum bejnithom u l-L-Avukat Patrick Valentino bhala r-Rettur tal-Beneficcju Lajkali imsejjah Abbazia di Sant'Antonio delli Navarra mahtur mill-Patrun u kkonfermat b'digriet Arciveskovili tal-ghoxrin (20) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (20/02/2017) u f'isem u ghan-nom u in rappresentanza tal-istess Beneficcju għal kull interess li jista jkollhom.**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi illi ppremettew:**

Illi l-esponenti ilhom fil-pussess tal-art fl-inhawi "Tal-Qasam" jew "Ta Vardati" jew "Tan-Nemes" jew "Tal-Hawli" fil-limiti tal-Qala Ghawdex, indikata fil-pjanta hawn annessa u mmakata bhala "SMS" ghal diversi snin u inoltre huma ghandhom fis-sehh ftehim (hawn anness u mmarkat bhala "SMS1" li kienu ghamlu mall-awtur tar-rettur sabiex juzufruwixxu mill-materja prima li hemm fl-art tant li anke hallsu l-ammont mitlub lill-awtur tar-rettur u anke lill-intimat l-iehor fil-kawza jigifieri l-Avukat Carmelo Galea li kien l-avukat ta'Richard Stagno Navarra u tal-intimati l-ohra;

2. Illi nhar is-Sibt 6 ta' Ottubru 2018 filghodu l-intimati jew min minnhom dahlu fuq l-art fil-pussess tar-rikorrenti u b'mod vjolenti riedu jwahhlu dawn il-vireg u sinjali fl-art fil-pussess tar-rikorrenti u bl-opposizzjoni tal-istess rikorrenti tant li kellha tintervjeni l-pulizija sabiex jzomm il-buon ordni; Kien biss wara numru ta'sieghat u bl-intervent tal-avukat tar-rikorrenti u tal-avukat intimat li biex jikkalmaw is-sitwazzjoni u minghajr pregudizzju għad- drittijiet tar-rikorrenti twahhlu dawn il-vireg minflok ma sar zebgha fl-art kif kienu ftehmu permezz ta' telefonata bejn l-avukati fejn dak intimat kien presenti fil-lok. Dan kollu sar sabiex isiru l-verifiki mehtiega halli jigu delinejati bl-ezatt il-konfini ta'l-art tar-rikorrenti u ta'dik li allegatament ghandhom xi titolu fuqha l-intimati jew min minnhom.

3. Illi issa ghaddew diversi granet u gimghat u ma sar ebda kuntatt konkret da parti tal-intimati u l-vireg u s-sinjali ma tnehhewx biex qegħdin jimpedixxu lir-rikorrenti li jkomplu bil-hidma taghhom ta'operaturi tal-barriera wara li uhud mill-intimati kienu ppresentaw mandat bin-numru 47/2018 liema mandat kien it-tielet (3) wiehed f'perjodu ta'ftit gimghat u dan il-mandat bhat-tnejn precedent l-ohra kienu gew michuda mill-Qorti preseduta differentment fit-tlett okkazzjonijiet;

Ragunijiet tar-rikors u tat-talbiet.

Illi l-agir tal-intimati jikkostitwixxi spoll privilegjat u għalhekk qed issir din il-kawza fit-terminu ta' xahrejn ai termini tal-ligi sabiex jera jigu mnehhija l-marki li għamlu l-intimati jew min minnhom u jigi ri-integrat fil-pussess shih quo ante ir-rikorrenti u jimpedixxu lill-intimati jew minn minhom li b'xi mod jtellfu lir-rikorrenti mill uzu tal-art.

**Talbu lil Din l-Onorabbli Qorti:**

a) tiddikjara u tiddeciedi li l-vireg u kull sinjal iehor mwahhla mill-intimati jew min minnhom hija illegali, abuziva u invadenti u t-twahhil taghhom jikkostitwixxu spoll.

b) tiffissa terminu qasir u perentorju li fih l-intimati ghandhom jnehhu l- imsemmija vireg u kull sinjal iehor illegali.

c) fin-nuqqas tiffissa terminu lill-esponenti sabiex jaqilghu huma dawn il- vireg jew sinjali ghas-spejjes tal-intimati.

Bl-ispejjes u l-konvenuti intimati huma ngunti għas-subizzjoni.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti kollha illi eċċepew:**

1. Preliminarjament l-eccepjenti Victor Hili u Joseph Grima personalment, Little Rock Quarry Ltd, Rotciv Co. Ltd, l-Avukat Carmelo Galea u l-Avukat Patrick Valentino nomine mhumiex legittimi kontraditturi f'din il-kawza u għandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kollha a karigu tal-atturi.

2. Fil-mertu, l-atturi għandhom jipprovaw l-elementi tal-azzjoni mressqa minnhom, inkluż l-element tal-pussess kif rikjest mil-liġi u l-ġurisprudenza.

3. Inoltre, kull wiehed mill-atturi għandu jikkonferma id-diminuzzjoni tal-pussess, dannu jew tfixkil fit-tgawdija ta' xi drittijiet possessorji allegati minnhom.

4. F'kull każ, u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu michuda bl-ispejjeż kontra tagħhom.

Il-pretensjonijiet vantati mill-atturi jemanixxu minn żewġ skritturi privati datati 1-14 ta' April 1998 u t-28 ta' April 1998 rispettivament. Madankollu, kif sejjer jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża, dawk l-iskritturi mhux biss kienu suġġetti għal kundizzjoni li rrendiethom nulli u nvalidi *ex tunc*, imma saħansitra baqgħu qatt ma ġew attwati mill-partijiet proprju għaliex it-tnejn li huma kienu konsapevoli bl-invalidità u nullità u konsegwentement mhux minnu li l-atturi, jew xi ħadd fosthom, qatt kellu xi pussess fuq l-art de quo.

5. F'kull kaz ukoll, u mingħajr pregudizzju għas-sueccepit, 1-eccepjenti kollha ma kkommettew ebda diminuzzjoni tal-pussess, dannu jew tfixkil fit-tgawdija ta' xi drittijiet possessorji ta' xi wiehed jew aktar mill-atturi.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Fliet l-atti.

Fliet bir-reqqa ir-ritratti kollha esebiti.

Rat li fil-verbal tat-28 ta' Mejju, 2021 l-abbli difensuri tal-konvenuti ddikajaraw li l-mertu tal-azzjoni odjerna huwa eżawrit billi la għandu jeżisti l-blat kif lanqas ma għadhom jeżistu l-vireg jew sinjali lamentati mill-atturi.[1]

Rat li fis-7 ta' Jannar, 2022, il-Qorti żammet aċċess fuq il-post.

Rat illi l-atturi għalqu l-provi tagħhom fis-seduta tas-27 ta' Mejju, 2022.[2]

Rat li l-konvenuti ddikjaraw il-provi tagħhom magħluqa u l-kawża ġiet differita għat-trattazzjoni finali għat-3 ta' Marzu, 2023.

[1] A fol 147 tal-process
[2] A fol 183 tal-process

Rat li fis-seduta tat-3 ta' Marzu, 2023 l-abbli difensuri tal-partijiet ittrattaw oralment.

Rat li b'digriet tal-Qorti l-kawża giet differita għas-sentenza għal-lum.

**Ikkunsidrat**.

**Preliminari.**

Permezz ta' din il-kawza l-attur Mario Gatt personalment u s-soċjeta Salvu Mintoff & Sons qed jitlobu lill-Qorti tiddikjara li l-konvenuti kkommettew spoll vjolenti u klandestin meta daħħlu vireg u għamlu sinjali f'art li tinsab fil-pussess ta' l-atturi.

Il-konvenuti jilqgħu għat-talbiet attriċi billi fl-ewwel lok jeċċepixxu li ħadd minnhom bl-eċċezzjoni ta' Victor Hili u Joseph Grima bħala diretturi tas-soċjeta Road Construction Company Limited ma hu legittimu kontradittur. Barra minn hekk jgħidu wkoll li ma jeżistux l-estermi neċessarji sabiex tirnexxi l-kawza attriċi. Jisħqu li l-kuntratti li bihom is-soċjeta attriċi tgħid li ngħatat il-pussess tat-territorju illum huma nulli u hija ma tgwadix dak il-pussess li tippretendi li għandha. Jgħidu wkoll li għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda.

**Ikkunsidrat.**

Fl-ewwel lok din il-Qorti ser tqis l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti rigward il-leġittimu kontradittur. Il-Qorti fliet l-atti kollha inkluż ix-xhieda mogħtija kif ukoll il-fatti miġbura waqt l-aċċess is sar fuq il-post minn din il-Qorti personalment. Mix-xhieda mogħtija[3] jirriżulta li l-vireg twaħħlu minn impjegati tas-soċjeta Road Construction Company Limited li kienu qed jaħdmu fil-preżenza ta' Victor Hili u Joe Grima. Fl-ebda ħin ma ssemmew jew inġabu provi li juru l-involviment tas-soċjetajiet l-oħra Little Rock Quarry Limited u Rotciv Co Ltd, jew addirittura l-involviment tal-konvenuti l-oħra. Dan ifisser illi l-azzjoni saret mis-soċjeta Road Construction Company Limited billi l-ħaddiema

[3] Xhieda ta Mario Gatt a fol 36 tal-process

li waħħlu l-vireg huma impjegati tagħha. Tqis li l-preżenza ta' Victor Hili u Joseph Grima hija prova tal-preżenza tar-rappreżentanza tas-soċjeta u mhux l-involviment ta' dawn it-tnejn fil-vesti personali tagħhom. Għalhekk fid-dawl ta' dan il-fatt il-Qorti tqis illi l-konvenuti kollha għajr għal Victor Hili u Joseph Grima bħala rappreżentanti tas-soċjeta Road Construction Company Limited u mhux fil-vesti personali tagħhom ma humiex leġittimi kontradittluri u għalhekk ser tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju.

Immiss issa li din il-Qorti tqis it-talbiet ta' l-atturi u dan fid-dawl li l-azzjoni intentata llum minnhom hija dik magħrufa bħala *Actio spolii* li hija regolata b'Artikolu 535 tal-Kapitolu 16 li jipprovdi s-segwenti :-

*"(1) Jekk persuna tiġi, bil-vjolenza jew bil-moħbi, mneżżgħa mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' ħaġa mobbli jew immobbli, hija tista', fi żmien xahrejn mill-ispoll, titlob, b'azzjoni kontra l-awtur tal-ispoll, li terġa' tiġi mqiegħda f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jingħad fl-artikolu 791 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*

*(2) Dan it-tqegħid mill-ġdid fil-pussess jiġi ordnat mill-qorti, wkoll jekk il-konvenut ikun is-sid tal-ħaġa li tagħha l-attur ikun bata l-ispoll."*

Rigward din l-azzjoni l-ġurisprudenza nostrana hija konstanti fis-sens illi *".....l-azzjoni ta' spoll hija 'di ordine pubblico', unikament u esklussivament intiża biex timpedixxi li wieħed jagħmel ġustizzja b'idejh mingħajr l-intervent tat-Tribunal Ċivili u tipprevjeni l-konsegwenzi deplorevoli ta' aġir simili."*[4]

L-elementi li l-atturi jeħtieġilhom jissodisfaw sabiex l-azzjoni tagħhom tirnexxi huma tlieta:

i. il-pussess - *possedisse;*

ii. l-azzjoni spolljattiva li tkun saret bil-moħbi jew kontra l-volontà tal-attur – spoliatum fuisse; u

iii. li l-azzjoni ssir fi żmien xahrejn minn meta jkun sar l-ispoll – *infra bimestre deduxisse.*

[4] Vincenzina Cassar et vs. Annetto Xuereb Montebello, Appell, deciza fit-28 ta' Mejju 1956

Fil-kawża fl-ismijiet Joseph George Micallef et vs. Anthony Vassallo et[5] saru s-segwenti osservazzjoni:

*Illi tali prinċipji [b'referenza ghal prinċipji ta' spoll] u rekwiziti gew ezawrientement ikkonsidrati fis-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet "Natalino u Marie Josette konjugi Agius vs Antonia Said" (Citazzjoni Numru 2426/97/RCP) deciza fit-13 ta' Jannar 1999 u "Joseph Mary Debono et vs Dr. Tanya Sciberras Camilleri noe" (Citazzjoni Numru 1704/98/RCP) deciza fid-29 ta' April, 1999, u s-sentenzi hemm citati, u din il-Qorti taghmel referenza ghall-istess u l-giurisprudenza hemm citata fejn gew eccentwati l-premessi principji:-*

*(a) L-attur irid jipprova li fil-mument ta' l-ispoll, huwa kien fil-pussess tal-oggett spoljat, izda tali pussess ma hemmx bzonn li jkun pussess b'titolu ta' proprjeta' jew servitu', izda anke purament materjali jew di fatto, izda mhux ta' mera tolleranza ("Joseph Vassallo Gatt nomine vs Joseph Camilleri proprio et nomine" – App. 26 ta' Jannar 1996).*

*(b) L-istess pussess ma ghandux ikun ekwivoku u jrid ikun manifest ("Gio Maria Tonna vs Gius Maria Tonna" – P.A.(H.H.) 21 ta' Frar 1983), pero` "pussess qasir hafna u sahansitra mumentarju huwa bizzejjed biex jawtorizza l-azzjoni ta' spoll" (Vol. XXXVII. p. 11, pg. 642); b'dan li l-pussess ma kellux ikun ekwivoku u kellu jkun manifest ("Camilleri vs Giglio" – Vol X – p. 55, 56).*

*In effetti fis-sentenza "Marthese Borg vs Gorg Borg" (P.A. – 25 ta' Frar 1993) inghad li:- "L-univocita` ta' tali pussess jew detenzjoni in fatti jehtieg li tirrizulta cara mill-fatti u tkun tali li tosta ghall-intenzjoni spolljattiva tal-pussess stess." Illi dawn il-principji gew ribaditi fis-sentenza tal-Appell fl-ismijiet "Emanuel sive Leli Sammut vs John Sammut" (Citazzjoni Numru 585/93GV) tad-19 ta' April 1999 fejn l-istess Onorabbli Qorti tal-Appell sostniet li:- "L-attur allura kellu qabel xejn jipprova l-element tal-pussess. Kellu jipprova b' mod konklussiv li kellu 'un possesso di fatto' u mhux pussess bazat fuq xi mera tolleranza li ma tkunx bizzejjed biex isservi ta' fondament ghall-akkwist tal-pussess mehtieg bhala bazi ta' din l-azzjoni." (Ann Wismayer vs Rinaldo Wismayer Agius – P.A. 5 ta' Ottubru 1992).*

[5] Deciza fl-4 ta Ottubru, 2011

(c) *Illi a bazi tal-artikolu 791 (3) tal-Kap 12, il-Ligi tipprovdi tassattivament li:- "Il-Qorti ghandha tezamina biss il-fatt tal-pussess jew tad-detenzjoni u lfatt tal-ispoll." Illi hekk fil-kawza "Joseph Cilia et vs Loreto Camilleri et" (P.A. (FGC) – Citazzjoni Numru 1163/93/FGC) tat-12 ta' Gunju 1998) gie riaffermat li:- "Il-Ligi taghna fl-azzjoni ta' spoll ma tghatix lok ghall-ebda indagini ohra barra minn dik li tistabbilixxi (a) il-fatt ta' pussess/detenzjoni u (b) il-fatt ta' spoll. Indagini limitatissima, rigoruza u skarna li ma tinsab f' ebda legislazzjoni ohra, u ghalhekk, bir-rispett kollu ghal decizjonijiet li ppermettew indagnijiet bazati fuq x' jghidu u x' ma jghidux guristi u awturi Francizi u Taljani, huma ghal kollox irrelevanti w inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament guridiku taghna" ("Carlo sive Charles Cardona et vs Francesco Tabone" – Appell 9 ta' Marzu 1992).*

*Illi ta' l-istess portata hija s-sentenza "Mariano Farrugia et nomine vs Peter Paul Cutajar" (Citazzjoni Numru 1441/97/FGC tat-23 ta' Ottubru 1998) fejn il-Qorti accentwat li:- "Din l-azzjoni ta' spoll hija koncepita bhala azzjoni rapida u effikaci ghall-iskop li ma thalli lil hadd jiddisturba 'stat ta' fatt' arbitrarjament u hija intiza 'unikament biex igieghel lill-konvenut li jerga' iqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha u daqshekk biss" kif jghid bl-aktar mod car l-artikolu 791 (1) tal-Kap 12 li sfortunatament jigi hafna drabi injorat.*

(d) *Illi l-vjolenza mehtiega fl-ispoll hija biss dik li l-att ta' spoll ikun arbitrarju u kontra il-volonta' tal-pussessur b' mod li jista' jghati lok ghall-azzjoni ta' danni kontra min ikun ghamel dak l-att ("Joseph Scerri vs Spiridione Falzon" – P.A. (A.M) 24 ta' Jannar 1958; Joseph Vella vs Salvu Micallef – P.A. (JSP) 30 ta' Jannar 1991).*

(e) *Tali artikoli fuq citati huma ta' ordni pubbliku u ghalhekk ma humiex ammessi eccezzjonijiet hlief eccezzjonijiet delatorji ("Margherita Fenech vs Paolo Zammit" – P.A. 12 ta' April 1958 - Vol XLLI. Pg. 973; "Carmelo Sacco vs Paul Sacco" – Appell 23 ta' Jannar 1998).*

(f) *Illi ta' partikolari interess, fl-ambitu tal-kawza odjerna huwa dak stabbilit fis-sentenza "Alfred Pisani et vs Victor Farrugia" ( P.A. (FGC) – 21 ta' Jannar 1994). "Jinghad li la l-Ligi u lanqas il-gurisprudenza ma jaffermaw il-principju li biex wiehed jirnexxi b' din l-azzjoni ta' spoll huwa ghandu jkollu pussess esklussiv. Anzi l-Qrati nostrali dejjem ippremettew li ko-possessur jagixxi b' din l-azzjoni kontra ko-possessur iehor li jikkommetti spoll ghad-dannu tieghu u dan minhabba li l-azzjoni ta' spoll ghandha l-iskop li tipproteggi l-pussess u mhux il-pussess esklussiv."*

*(g) L-azzjoni ta' spoll trid issir fi zmien xahrejn mid-data tal-kummissjoni tal-att spolljattiv, b'dan li skond il-pronunzjament fis-sentenza "Norman Vassallo vs Filomena Esposito" (Appell – 18 ta' Gunju 1993) inghad li "meta tinghata l-eccezzjoni li l-azzjoni ta' spoll privileggjat ma saritx fizzmien preskritt mill-Ligi, il-prova ta' dan tinkombi fuq l-eccippjenti ghaliex skond l-Artikolu 562 tal-Kap 12, l-obbligu tal-prova tal-fatt imiss dejjem lil min jallegah.""*

Kif ġia ngħad billi l-azzjoni li għandha quddiemha llum din il-Qorti hija dik ta' spoll, hija għandha timxi biss fuq l-elementi tal-azzjoni ta' spoll, billi teżamina biss l-allegat pussess jew detenzjoni u l-allegat att spoljattiv kif dispost fl-Artikolu 791 (3) tal-Kapitolu 12.

Fid-dawl tal-ġurisprudenza ċiatata din il-Qorti ser tkun qed iżżomm distinzjoni bejn l-azzjoni ta' natura possessorja u azzjoni ta' natura petitorja u dan għaliex iż-żewġ azzjonijiet huma msejsa fuq binarji totalment differenti minn xulxin. F'azzjoni ta' spoll bħal dik odjerna l-Qorti hi prekluza milli titratta aspetti rilevanti unikament għall-azzjoni petitorja u mhux dik possessorja.

Imiss issa li l-Qorti tqis l-elementi ta' l-ispoll wieħed wieħed.

**i) Azzjoni fi zmien xahrejn**

Rigward dan l-element minn qari tal-liġi jirriżulta li l-azzjoni għat-tneħħija tal-effetti tal-ispoll għandha tinbeda fi żmien xahrejn[6], u dan iż-żmien huwa meqjus bħala terminu ta' dekadenza. Bħal kull wieħed ieħor mill-elementi tal-azzjoni, dan il-fatt għandu jiġi pruvat mill-attur. Fil-kaz odjern ma hemm l-ebda kontestazzjoni bejn il-partijiet li l-azzjoni ta' spoll ġiet imressqa fi żmien xahrejn minn meta seħħ l-allegat att spoljattiv. Mill-atti jirriżulta li dan l-att seħħ fis-6 ta' Ottubru, 2018 u l-azzjoni ġiet intavolata fis-16 ta' Novembru 2018 għaldaqstant fit-terminu perentorju imsemmi.

**ii) Pussess**

[6] Philip Gatt vs. John Mary Vassallo, Prim'Awla, deciza fit-8 ta' Marzu 2005

F'azzjoni ta' spoll l-atturi jeħtieġilhom juru li kienu fil-pussess imqar materjali jew ta' fatt tal-ħaġa li qegħdin jilmentaw li minnha ġew spoljati. Dan il-pussess irid ikun fid-deher, ukoll jekk ikun għal żmien qasir anke jekk momentarju iżda l-pussess ma jistax ikun wieħed ekwivoku. Huwa stabbilit ukoll li din l-azzjoni tħares il-pussess ta' eżerċizzju ta' dritt. B'mod partikolari, jista' jkun il-każ fejn persuna jkollha pussess jew detenzjoni ta' jedd maħluq minn stat ta' fatt.

L-ispoll li minnu jilmentaw minnu l-atturi jirrigward tqegħid ta' vireg mill-konvenuti fuq art li huma jippretendu li hija fil-pussess tagħhom. Jibda biex jingħad illi mix-xhieda jirriżulta ċar illi l-kontestazzjoni ta' bejn il-partijiet tirrigwarda biċċa art li tinsab bejn il-barrieri tal-kontendenti u li għalhekk tifred barriera minn oħra, l'hekk imsejjħa *buffer zone.*

Il-Qorti tinnota li filwaqt li s-soċjeta konvenuta Road Construction Co. Limited tramite Victor Hili tinsisti li bejn il-barrieri hemm *bufferzone* u li l-vireg tpoġġew f'din il-medda ta' art, Mario Gatt minn naħa tiegħu jgħid illi l-*buffer zone* hija xi ħaġa fittizja u li l-art hija tas-soċjeta attriċi.[7] Il-Qorti pero tqis li l-verzjoni mogħtija minn Mario Gatt hija għal kollox imxejjna mis-sottomissjoni li saret mill-avukat ta' l-istess Mario Gatt waqt l-aċċess li afferma illi **"...il-buffer zone kien stipulat mill-Planning Authority kemm għall-premess tas-Sur Gatt u kemm tas-Sur Hili u l-buffer zone kien ta' ħames metri fuq in-naħa tas-Sur Gatt u ħames metri fuq in-naħa tas-Sur Hili u kien hemm ħajt ta' deliminazzjoni ..."** Il-Qorti għalhekk hija tal-fehma illi l-*buffer zone* kienet teżisti bejn il-barrieri. Tagħmilha ċara illi waslet għal din il-konklużżjoni abbażi tax-xhieda u r-ritratti esebiti billi meta hija stess aċċediet fuq il-post, l-art fejn suppost li kien hemm din il-*buffer zone* u allura il-vireg, ma kienux għadhom hemm u kien hemm biss dagħbien għal ġol-barriera tas-soċjeta attriċi.

Apparti dan kollu l-Qorti fliet ukoll ir-ritratti esebiti minn Mario Gatt u s-sett l-ieħor esebit minn Ronnie Gatt. Minn analżi ta' dawn ir-ritratti l-Qorti setgħet tinnota li fir-ritratti esebiti minn Ronnie Gatt il-vireg jidhru b'mod l-aktar ċar, l-waħda mpoġġija bi dritt quddiem l-oħra bil-lasta ħamra u bandiera zgħira bl-istrixxi ħomor u bojod. Fir-ritratti esebiti

[7] A fol 158d tal-process

minn Mario Gatt il-vireg ma jidhrux, madankollu dan l-attur jipprova jikkonvinċi l-Qorti li għad hemm virga waħda mdaħħla fl-art u anke immarkaha hu, bil-kulur blu fir-ritratt MGA10. Il-Qorti iżda ma hix konvinta li l-marka magħmula minn Mario Gatt hija tassew waħda mill-vireg li ddaħħlet mill-impjegati tas-soċjeta konvenuta Road Construction Co. Limited u dan billi hija totalment differenti mill-vireg murija fir-ritratti esebiti minn Ronnie Gatt.

Barra minn hekk hija ta' importanza kbira dak li xehed Mario Gatt fejn bil-ġurament tiegħu afferma li l-vireg ma għadhomx fuq il-post billi is-soċjeta li jirrappreżenta hu ħaffret l-art li fiha kien hemm il-vireg[8]. Hija wkoll daqstant important ix-xhieda mogħtija minn Victor Hili waqt is-seduta tas-7 ta' Ottubru, 2022 fejn afferma illi meta infetħet il-kawza il-vireg kienu għadhom imdaħħlin fil-blat.

In vista ta' din ix-xhieda għalhekk il-Qorti fl-ewwel lok tqis li ġia la darba mill-atti jirriżulta li l-vireg m'għadhomx hemm għax is-soċjeta attriċi għoġobha tqatta l-blat li fihom kien hemm imdaħħlin il-vireg bil-konsegwenza li dawn tneħħew, dan allura jfisser illi li kwistjoni ġiet riżolta fil-mori tal-kawża.

Madankollu l-Qorti ma tistax tieqaf hawn billi jrid jiġi deċiż min għandu jħallas l-ispejjeż ta' din il-kawża u "*Meta l-mertu ta' kawza jigi transatt jew, ghal xi raguni, ezawrit, fl-ipotesi ta' mankanza ta' ftehim bejn il-kontendenti dwar il-kap ta' l-ispejjez, il-Qorti ghandha tipprovdi ghal kunndanna dwarhom wara li tkun ezaminat il-mertu tat-talba u ta' l-eccezzjonijiet ghaliha. Fi kliem iehor, il-Qorti jkollha xorta wahda tiddelibera fuq il-fondament tat-talba ghaliex id-dikjarazzjoni taccessjoni tal-mertu tal-kwestjoni ma jezimix lil gudikant fil-mertu milli jippronunzja ruhu fuq l-ispejjez tal-kawza meta dan il-punt ikun kap ikkuntrastat mill-partijiet. Id-duttrina l-aktar akkreditata tippreciza li dan lezercizzju ghandu jkun bazat skond il-principju tas-sokkombenza*

[8] A fol 38 tal-process

*virtwali jew potenzjali. Li jfisser li l-provi jridu jigu xorta wahda valutati mill-gudikant anke jekk ghal fini tar-regolamentazzjoni ta' l-ispejjez ma ghandux ghalfejn joqghod jaghti motivazzjoni dettaljata;"*[9].

Fil-każ odjern huwa paċifiku u ammess anke mill-konvenut Hili li meta l-kawża infetħet il-vireg kienu għadhom hemm, imdaħħlin fil-blat tal-*buffer zone*. Din il-Qorti hija tal-fehma illi il-vireg effettivament twaħħlu fil- *buffer zone* li kif diġa intqal aktar `l fuq, kienet għaxar metri wiesgħa – 5 metri in-naħa tal-barriera tal-atturi u 5 metri in-naħa tal-barriera tal-konvenuti. Fil-kawża odjerna iżda il-vireg tneħħew mill-atturi nnifishom meta oghogobhom iħaffru l-blat li kien hemm fihom dawn il-vireg. Meta sar l-aċċess fuq il-post din il-Qorti ma rat l-ebda virga u lanqas setgħet tikkonstata f'liema distanza tpoġġew dawn il-vireg – jekk twaħħlux fil-ħames metri lejn il-barriera tal-atturi jew le, u għalhekk tqis li l-atturi ma rnexxielhomx jippruvaw li l-vireg twaħħlu fl-art fil-pussess tagħhom. Tqis li bl-aġir tagħhom l-atturi ħassru prova tant kruċjali u għalkemm huma jargumentaw illi anke il-konvenut Hili ammetta li l-vireg kienu għadhom fl-art meta infteħet il-kawża, madankollu naqsu li jippruvaw illi l-vireg kienu imdaħħlin f'dik il-parti tal-*buffer zone* in-naħa tal-barriera tagħhom.

A bażi ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet il-Qorti ser tgħaddi sabiex tiċħad it-talbiet tal-atturi u tordna li l-ispejjeż għandhom jkunu a karigu tagħhom.

[9] Carmela sive Bella Hili vs. Meli Car Rentals Limited et, Appell (sede Inferjuri), deciza fil-5 ta' Ġunju 2009

**Deċide.**

Għaldaqstant in vista tal-premess u għal motivi ġia espressi, l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti u tiddikjara li l-konvenuti kollha għajr għal Victor Hili u Joseph Grima qua rappreżentanti tas-Soċjeta Road Construction Co. Ltd ma humiex leġittimi kontradditturi u konsegwentement tilliberhom mill-osservanza tal-ġudizzju, tiċħad it-talbiet tal-atturi.

Bl-ispejjeż tal-kawża jkunu a karigu tal-atturi.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Daniel Sacco
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur